MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 322/2009

**Ludvic Catania**

***kontra***

**Carmel sive Charles Bianco ghan-nom tas-socjeta` Western Company Ltd. (C-19994)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors mahluf prezentat fit-30 ta` Marzu 2009 li jaqra hekk –

*1. Illi r-rikorrent madwar ghaxar snin ilu kien klijent tas-socjeta` intimata, u cioe` Western Company Ltd, kif rappresentata minn Charles Bianco direttur fl-istess socjeta`, liema socjeta` topera minn garaxx li jgib l-isem ta` 'Gianluca Garage' li jinsab gewwa Triq Santa Maria, B`Kara ;*

*2. Illi fiz-zmien imsemmi, ir-rikorrenti kien xtara vettura tal-ghamla Hyundai Accent minghand Charles Bianco bhala sub-agent ghal certu Antoine Vassallo minn liema bejgh, is-socjeta` intimata kellha profitt ta` Lm600 bhala commission ;*

*3. Illi wara accident li fih kienet garrbet hsarat konsiderevoli l-istess vettura Hyundai Accent msemmija, ir-rikorrent kien kompla jixtri bi tpartit jew bejgh, diversi vetturi ohra minghand Charles Bianco, fejn kienu jithallsu pagamenti mensili puntwalment in rigward ta` kull vettura li tkun inxtrat mir-rikorrenti mis-socjeta` intimata ;*

*4. Illi kif ser ikun ippruvat waqt l-andament ta` din il-kawza, ir-rikorrenti rritorna lura diversi vetturi li kien xtara jew partat f`arrangamenti ma` Charles Bianco u dan wara li jkunu dehru evidenti difetti serji fl-istess vetturi, u li mar-radd lura tal-istess vetturi fi stat tale quale li jkunu gew akkwistati mir-rikorrenti, kienu jitwaqqfu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` intimata stante illi r-rikorrenti ma kienx baqa` s-sid jew fil-pussess tal-istess vettura/i ;*

*5. Illi r-rikorrent kien sussegwentement gie sfurzat u tnizzel b`forza minn vettura van tal-ghamla Toyota mill-intimat Bianco li flimkien ma` persuni ohra kienu arbitjarment spussessawh mill-istess vettura u dan abbazi ta` ammont dovut lis-socjeta` intimata, liema ammont kien ta` Lm1,000 rapprezentanti self li sar lir-rikorrenti minn Bianco ;*

*6. Illi r-rikorrenti sabiex ikun jista` jerga` jinghata lura din il-vettura, kien gie b`sevizzi, imgieghel kontra rieda tieghu, jiffirma kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu talli illi, ir-rikorrenti obbliga ruhu b`kuntratt pubbliku datat 21 ta` Jannar 2003 ippublikat minn Nutar Dr. Margaret Heywood illi huwa kien debitur cert, likwidu u dovut ghas-somma ta` erba` t`elef sitt mija sitta u disghin liri Maltin u tmenin centezmu (Lm4,696.80) ekwivalenti ghal ghaxar t`elef disa` mija u erbghin Ewro (€10,940), lis-socjeta` intimata u dan abbazi ta` somma immaginarja ekwivalenti ghall-istess ammont mislufa bhala loan lir-rikorrent minn Charles Bianco ;*

*7. Illi in segwitu tal-istess kuntratt, giet irregistrata Ipoteka Generali fuq il-proprjeta` kollha tar-rikorrenti, prezenti u fil-futur ;*

*8. Illi sal-lum il-gurnata, is-socjeta` intimata qatt ma pprocediet sabiex tinforza l-istess Ipoteka Generali fil-konfront tar-rikorrenti u dan nonostante illi r-rikorrenti qatt ma hallas centezmu mill-ammont allegatament dovut naxxenti mill-kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu msemmi, izda kienet l-istess socjeta` intimata li permezz ta` diversi ittri bon aria, laqghat kif ukoll ittra ufficjali datata 28 ta` Ottubru 2008, giet interpellata sabiex tirregola l-ammont attwali li huwa dovut, u dan sabiex tkun ikkancellata l-ipoteka generali fl-interess tar-rikorrenti ;*

*9. Illi s-socjeta` intimata nonostante dawn l-interpellazzjonijiet baqghet inadempjenti, u dan b`detriment serju ghad-dannu tar-rikorrent ;*

*10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, fid-dawl tal-fatti suecceptiti, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :*

*1. Tiddikjara konsegwentement illi l-kunsens tar-rikorrent fuq il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood datat 21 ta` Jannar 2003 (kostituzzjoni ta` debitu), gie vizzjat bhala rizultat ta` theddid, sevizzi u ezercizzju ta` qerq da parti tas-socjeta` intimata fil-konfront tar-rikorrent jew ta` zball ta` fatt li min-natura tieghu jinvalida l-istess kunsens hekk rikjest ;*

*2. Tiddikjara illi l-ammont kif pretiz fl-istess kuntratt mhux dovut lis-socjeta` intimata;*

*3. Tirrexxindi l-imsemmi kostituzzjoni ta` debitu fl-atti tan-Nutara Margaret Heywood, datat 21 ta` Jannar 2003 u konsegwentement tordna t-thassir tal-ipoteka generali li ggib in-numru: 1539 datata u rregistrata fil-31 ta` Jannar 2003 naxxenti mill-kuntratt imsemmi ;*

*4. Tikkundanna lil intimati sabiex jirrifondu lir-rikorrenti l-ispejjez notarili u tal-boll u kull spiza ohra incidentali dwar l-istess kuntratt.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku ta` dokumenti esebiti minnu.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li kienet prezentata fil-<u>21 ta` Mejju 2009</u> li taqra hekk –

*Illi ghalkemm ir-rikorrenti Ludwig Catania permezz ta` l-iskrittura tal-21 ta` Jannar 2003 kien obbliga ruhu li jhallas lill-esponenti noe l-ammont ta` Lm4,696.80 ossia*

*€10,940.60 kif ukoll l-imghaxijiet relattivi fuq l-ammont imsemmi, huwa baqa` sal-lum ma hallasx xejn ;*

*Illi issa, wara sitt snin u aktar mill-iskrittura msemmija, ir-rikorrenti qed jivvinta l-iskuza li huwa kien mhedded meta ffirma l-istess skrittura ;*

*Illi l-esponenti noe jichad bl-aktar mod kategoriku li huwa qatt ghamel xi forma ta` pressjoni fuq ir-rikorrenti Catania biex jiffirma l-iskrittura msemmija. Anzi l-istess skrittura giet iffirmata mill-partijiet bl-aktar mod volontarju wara li kienu ftehmu dwarha. Di fatti l-istess skrittura saret quddiem in-Nutar Dr. Margaret Heywood ;*

*Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontrih stante li huma inveritieri u infondati fil-fatt u fid-dritt ;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

Semghet id-depozizzjoni ta` l-attur (fol 16 sa 26) u tax-xhud Clint Spagnol (fol 27 u 28) fl-udjenza tat-8 ta` Ottubru 2009.

Semghet id-depozizzjoni tan-Nutar Dottor Margaret Heywood (fol 35 sa 38) fl-udjenza tas-26 ta` Novembru 2009.

Semghet lin-Nutar Dottor Margaret Heywood terga` tixhed fl-udjenza tat-2 ta` Marzu 2010 (fol 56 sa 59) kif ukoll rega` xehed l-attur fl-istess udjenza (fol 43 sa 55).

Semghet id-depozizzjoni ta` x-xhieda Alfred Catania (fol 62 sa 65) u Alexia Catania (fol 66 sa 74) fl-udjenza tat-8 ta` Lulju 2010.

Semghet lill-attur jiddikjara fl-udjenza tat-8 ta` Lulju 2010 li kien qieghed jaghlaq il-provi tieghu.

Semghet id-depozizzjoni tal-konvenut (fol 76 sa 87) fl-udjenza tat-23 ta` Novembru 2010.

Semghet lill-attur ikompli jixhed in kontroezami fl-udjenza tal-21 ta` Frar 2011 (fol 97 sa 106).

Semghet lill-konvenut jiddikjara fl-udjenza tal-21 ta` Frar 2011 li kien qieghed jaghlaq il-provi tieghu.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-attur li kienet prezentata fil-5 ta` April 2011.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-konvenut li kienet prezentata fid-29 ta` April 2011.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-17 ta` Mejju 2011 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum *in difett ta` ostakolu.*

Rat l-atti tal-kawza, inkluzi d-dokumenti kollha esebiti.

Rat li ma hemm l-ebda ostakolu sabiex il-kawza tkun deciza llum.

**Ikkunsidrat :**

## II. <u>Provi</u>

It-talba principali tal-attur fil-kawza tal-lum hija r-rexxissjoni tal-kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu li sar bejn il-partijiet fil-21 ta` Jannar 2003 permezz ta` att pubbliku li kien pubblikat min-Nutar Dottor Margaret Heywood (DOK LC2) ghaliex qieghed jallega li l-kunsens tieghu kien vizzjat minhabba theddid, sevizzi u qerq kommessi mill-kumpannija konvenuta fil-konfront tieghu jew minhabba zball ta` fatt li jinvalida dak il-kunsens. Min-naha taghha, il-kumpannija konvenuta tichad bl-aktar mod kategoriku l-allegazzjoni tal-attur dwar vizzju tal-kunsens u ssostni l-validita` tal-kuntratt.

**L-ewwel li ddepona l-attur kien fl-udjenza tat-8 ta` Ottubru 2009.**

**<u>L-attur</u>** xehed li fl-1998 huwa kellu FIAT 125 u ghamel tpartit mad-dealer Antoine Vassallo ghal Hyundai Accent. Din il-vettura kienet tinsab fis-showroom tal-kumpannija konvenuta li hija wkoll dealer tal-karozzi. Charles Bianco jidher ghal din il-kumpannija. Huwa ha l-vettura minghand Bianco u hallas lil Bianco Lm 600 bhala kummissjoni. Kellu incident bil-Hyundai Accent u l-vettura ma setghetx tissewwa. Ghal xi zmien, halla l-vettura fil-garage sakemm sab il-bejgh taghha. Xtara Mini-Minor minghand kugina tieghu u partatha ma` van li kiseb minghand Bianco. Wara rega` partat ma` Bianco dan il-van ma` van iehor. Xtara wkoll dghajsa u ha self ta` Lm1,000 minghand Bianco biex ikun jista` jakkwista din id-dghajsa. L-attur ikompli jghid li huwa skopra li l-van li kien kiseb wara li partat il-van l-iehor kien difettuz konsegwenza ta` daqqa li Bianco ma kienx qallu biha. Bianco accetta li jibdillu l-van hekk kif ikollu iehor. In

segwitu, l-attur sab li l-van kien ghadu registrat fuq is-sid ta` qabel. Ghalhekk ghamilha cara lil Bianco li jekk ma kienx sejjer jirranga l-affarijiet huwa ma kienx sejjer ihallas aktar kambjali.

**L-attur** ighid li in segwitu Bianco ha lill-attur go ufficcju Ta` Xbiex sabiex skond Bianco jiffirmaw karta fejn l-attur jaghti lil Bianco Lm1,000 u jigu *square*. Fl-ufficcju kien hemm Bianco u *wahda mara.* Ftakar ukoll li *kien hemm ragel iehor.* L-attur ighid li *gaghluni niffirma xi karti* b`riferenza ghal dak li kien ippropona Bianco dwar il-hlas tal-Lm1,000. Mistoqsi mill-Qorti – *Jigifieri ftehmtu li taghmlu hekk ?* – l-attur wiegeb – *Ftehmna ehe.* Dak iz-zmien, skond l-attur, huwa kellu jaghti Lm1,000 lil Bianco. L-attur jikkonferma li ffirma ghalkemm stqarr li ma kienx jaf x`kien inkiteb. Minghalih li ffirma ghall-Lm1,000 li kellu jaghti lil Bianco. Kien biss wara meta skopra li kellu ipoteka registrata kontrih li sar jaf li kien iffirma ghal *xi four thousand xi haga Maltin* : bil-preciz Lm4,696. Ikkonferma li *ma qabadni hadd minn ghonqi* biex jiffirma l-kuntratt. Ghalkemm l-attur kien jaf *xi naqra* bl-Ingliz lanqas kellu idea li l-kuntratt sar bl-Ingliz. Ikkonferma li qabel iffirma, il-kuntratt inqara. Wara li sar il-kuntratt, Bianco qatt ma talbu jhallas.

**L-attur minn jeddu ghazel li jerga` jixhed fl-udjenza tat-2 ta` Marzu 2010 billi skond l-avukat tieghu kien *hemm certu domandi rrid naghmilhomlok illum ghax dakinhar* (u cioe` fl-udjenza tat-8 ta` Ottubru 2009) *m`ghamilthomlokx.***

**L-attur** xehed li l-Hyundai Accent kienet f`isem Bianco. Taghha l-attur kien hallas Lm5,200 lil Antoine Vassallo bil-kambjali.

**L-attur** ighid li huwa partat ma` Bianco il-Hyundai Accent bid-daqqa ma` van. Wara li nqala` l-inkwiet dwar il-van, il-ftehim ma` Bianco kien li huwa jaghtih lura l-van li

kien Toyota Hilux. Fil-fatt Bianco ha l-van pero` bil-forza ghax *nizzilni minn go fih, hadli c-cwievet u hadli l-van mhux jien mort u tajtulu. Hekk kienet l-istorja ezatt* skond l-attur. Li gara pero` kien li l-attur kien dispost ihallas lil Bianco biss Lm1,000 ghaz-zmien kemm il-van dam ghandu u cioe` tmien xhur waqt li Bianco ried li jithallas *erbat elef u fuqhom Maltin.* Skond l-attur, Bianco ppretenda li jzomm il-van u jithallas dawk l-*erbat elef u fuqhom Maltin.* Dan kollu sar qabel sar il-kuntratt. Ghas-self li kien tah Bianco biex akkwista l-ispeedboat, Bianco kien thallas.

Dwar il-kuntratt, meta kien mistoqsi mill-Qorti - *kemm kien l-ammont tan-Nutar* l-attur wiegeb – *ma niftakarx ezatt, naf li dakinhar konna jigifieri qed nixorbu drink u m`ghandix idea ezatt x`iffirmajt u ma ffirmajtx*. Cert pero` li wara li kien iffirmat il-kuntratt, ma nghatax kopja.

**<u>Fil-kontroezami</u>** li sar fl-udjenza tat-2 ta` Marzu 2010, **<u>l-attur</u>** xehed li l-Hyundai Accent hadha Bianco. Qal ukoll li l-istess vettura kienet ittiehdet wara mandat li kien ghamillu Antoine Vassallo. Cahad pero` li l-vettura hadha Vassallo.
.

**<u>In-Nutar Dr. Margaret Heywood</u>** ikkonfermat li kienet hi li ppubblikat il-kuntratt DOK LC2. U xehdet hekk – *meta jkolli nies quddiemi dejjem nispjega x`qed isir jigifieri mhux ha naghtihom karta u nghidilhom jiffirmaw, jigifieri spjegajt kollox u Mr. Catania kien jaf li qed issir kwistjoni ta` debitu, li ghandu jaghti l-flus ... lil Western Company Limited.* Stqarret li ghamlet car fl-ispjega taghha anke l-ammont li kien mertu tal-kuntratt. Qabel il-partijiet iffirmaw hija qratulhom. Waqt li l-partijiet kienu quddiemha ma gara xejn li seta` geghlha tahseb li kien hemm xi haga rregolari. Ghalkemm il-kuntratt inkiteb bl-Ingliz, hija fissret bil-fomm il-kontenut bil-Malti anke ghall-beneficcju tal-attur. In-Nutar kkonfermat li *dazgur* l-attur fehem kollox *ghax kieku jien zgur mhux se nhalli lil hadd*

*jiffirma kuntratt li ma jafx x`qed jiffirma.* Ma setghetx tiftakar jekk qabel telqu tatx lill-partijiet kopja tal-kuntratt.

Xehed **Alfred Catania**, li jigi missier l-attur, izda ma tefa` l-ebda dawl fuq il-kwistjoni li din il-Qorti ghandha quddiemha.

**Alexia Catania**, illum mart l-attur, xehdet dwar il-kaz meta Bianco waqqaf lill-attur gewwa Ta` Xbiex, u hadlu l-van b`kull ma kien hemm go fih, wara li nizzel mill-vettura lill-attur u lilha ghax kienet mieghu. Dak iz-zmien kienu ghadhom gharajjes. Bianco ha l-van ghax l-attur kien debitur tieghu precizament *kellu xi pagamenti kien ghadu ma tahomlux.* Ghalkemm ma sar l-ebda rapport lill-Pulizija, l-attur mar ghand l-avukat tieghu.

**Il-konvenut** xehed li l-attur ma hallas xejn mill-ammont mertu tal-kuntratt de quo. Cahad li hedded lill-attur. Fisser li l-attur kien akkwista minghandu van Toyota Hilux Nru.LAW 932. L-attur ma bediex ihallas dak li kien dovut. Dan apparti, Hyundai Accent li kienet ikkonsenja l-attur u li kienet taghmel parti mill-ftehim dwar it-Toyota kienet kolpita minn mandat li kien sar minn Antoine Vassallo. L-attur talbu jissapportih billi kien ghaddej minn zmien difficli. Meta x-xhud ma setax jistenna aktar, mar mal-attur ghand in-Nutar Heywood u sar il-kuntratt. Dwar dak li sar quddiem in-Nutar qal hekk - *ghidtilha isma dan il-bilanc bhalma jaf hu hadu minn did-data sa did-data, ghidtilha ghamiltlu kopja tal-karta ghax kont tajtu kopja tal-karta hekk bejnietna x`hinuma l-pagamenti ta` b`lura halli jaqbel hu wkoll, ghidtlu dat3696 huma bilanc fuq il-van u ghidtlu l-elf lira taf bihom tad-dghajsa, ghidtlu mela l-ammont huwa 4696. Ghidtlu taccetta li ttiehom pagament mensili fix-xahar ? Ghidtlu imghaxijiet ta` b`lura ma jien qed nohodlok xejn. Qalli iva naccetta.* In-Nutar spjegatilhom kollox u ffirmaw.

**Fil-kontroezami, il-konvenut** xehed illi li huwa rcieva ittra ufficjali minghand l-attur qabel saret il-kawza tal-lum. Ghax l-attur baqa` ma hallas xejn, huwa wiegeb ghal dik l-ittra ufficjali bil-prezentata ta` ittra ufficjali fil-21 ta` Mejju 2009 kontra l-attur (DOK CB1) sabiex il-kuntratt de quo jitqies ezegibbli skond il-ligi. Fil-fatt ghalkemm l-attur kien notifikat bl-ittra ufficjali huwa baqa` inadempjenti. Cahad li l-van li l-attur kien kiseb minghandu kellu d-difetti. Qabel sar il-kuntratt, l-attur accetta li jhallas il-kambjali skaduti, u l-konvenut jiehu lura l-van bil-patt li l-kambjali li kienu ghadhom ma mmaturawx ma jibqghux dovuti mill-attur.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Dritt</u>**

Il-pattijiet li l-partijiet jaqblu u jiftehmu dwarhom f`kuntratt huma l-espressjoni tar-rieda taghhom. Ghalhekk meta ftehim isir kif trid il-ligi, kemm ghal dak li huwa sostanza kif ukoll ghal dak li huwa forma, dak il-ftehim isir ligi bejn il-partijiet. U meta l-ftehim isir skond il-ligi jista` jithassar jew jinbidel biss bi ftehim iehor tal-partijiet.

Fis-sentenza moghtija fil-5 ta` Ottubru 1998 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **<u>“Beacon vs Spiteri Staines”</u>** jinghad hekk –

*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa` dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali li trid tigi osservata - pacta sunt servanda.*

Issa skond l-**<u>Art.993 tal-Kap.16</u>** –

*Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi."*

(ara – "**Depares noe vs O` Dea noe" –** Appell - 25 ta` Gunju 1996).

Skond l-**Art.1002 tal-Kap.16**, fejn il-kliem ta` konvenzjoni mehud fis-sens
skond l-uzu tal-kuntratt huwa car, ma hemmx lok ta` interpretazzjoni ("**Spiteri vs Borg"** – PA/RCP – 30 ta` Novembru 2000 u **"Borg vs Xuereb"** – Appell Civili – 30 ta` Marzu 1997).

Fis-sentenza taghha tas-26 ta` Mejju 1952 fil-kawza "**Morana vs Spiteri et**", il-Qorti tal-Appell sostniet li bhala regola mhumiex ammissibbli provi testimonjali kontra l-miktub (*contra scriptum testimonium non fertur*) pero` din mhix regola assoluta. Infatti kien ritenut li r-regola ma tapplikax f`dawk il-kazi fejn l-att miktub jigi mpunjat minhabba simulazzjoni. Kif lanqas ma hija applikabbli meta jkun jidher li l-kontraenti ghamlu kuntratt biex ighattu kuntratt iehor li realment riedu jaghmlu u meta l-Qorti tkun perswaza li jkun sar zball fil-kuntratt. Imbaghad il-Qorti kompliet hekk –

*1. Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta` bejniethom, ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftehmu fuqu nizzluh f`dik l-iskrittura. Ghalhekk ma ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti jdahhal f`dak il-ftehim klawsoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qeghdin ifissru jew jiccaraw il-klawsoli principali …*

*2. Ghalkemm huwa veru li provi orali jistghu jigu ammessi biex jigu delucidati punti oskuri ta` kitba jew f`xi kazi ta` impunjazzjoni ta` dik il-kitba izda l-provi orali mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga` car …*

*3. Ir-regola li kontra l-prova miktub ma tistax tigi ammessa prova testimonjali mhix applikabbli meta l-prova tigi offerta biex tigi mfissra ahjar l-intenzjoni tal-kontraenti lit kun espressa b`mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jigi pruvat xi fatt incidentali jew accessorju li jkun konciljabbli ma` l-att …*

*4. Il-principju "contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur" jibqa` jsehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza illi hemm, zball fil-kuntratt jew li thalla barra xi patt ghal xi raguni specjali …*

Dan kollu premess in linja generali, ghandu jinghad li meta l-kunsens ta` parti f`kuntratt ikun affett minn vizzju, hemm karenti wiehed mill-elementi tal-kuntratt u allura dak il-kuntratt jista` jkun soggett li jithassar. Fil-kawza tal-lum, l-attur qieghed ighid li meta ffirma l-kuntratt tal-21 ta` Jannar 2003 fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood, il-kunsens tieghu kien vizzjat.

L-**<u>Art.974 tal-Kap.16</u>** tal-Ligijiet ta` Malta jghid hekk –

*Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza, jew b`eghmil doluz, ma jkunx jiswa`.*

Fis-sentenza moghtija fis-6 ta` Ottubru 1997 fil-kawza **<u>"Socjeta` Fortress Insurance Brokers Ltd. vs Shephard"</u>** (PA/AJM) –

*Billi l-kunsens huwa wiehed mir-rekwiziti essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, isegwi li kemm-il darba dan il-kunsens jkun nieqes billi jigi ddikjarat li jkun affett b`xi mod kif jinghad fl-artikolu 974, allura kull obbligazzjoni naxxenti minn dak il-kuntratt ma tibqax torbot lill-kontraenti.*

**Jispetta lill-attur li jipprova l-pretensjoni tieghu sal-grad rikjest mil-ligi fil-kamp civili. Fir-rikors mahluf, l-attur jaghmel riferenza ghall-kazi kollha li jistghu jaghtu lok sabiex il-kunsens ma jkunx jiswa. Jekk imbaghad issir analizi bir-reqqa tan-nota ta` osservazzjonijiet tal-attur, wiehed isib riepilogu tal-fatti kif jarahom l-attur, fejn skond l-attur dawk il-fatti kif jarahom hu, jaghtu ragun lilu, pero` ma jsibx analizi tal-punti ta` dritt li fil-fehma ta` din il-Qorti huma vitali ghall-istanza tal-attur kif din giet impostata. Ghal din il-Qorti, bil-fatt li l-attur ma ndirizzax il-punti ta` dritt li fuqhom suppost hija msejsa l-istanza tieghu, huwa dghajjef notevolment il-posizzjoni tieghu.**

Meta taghsar is-sustanza tad-deposizzjoni tal-attur, <u>bl-incertezzi u l-inkonsistenzi taghha</u>, din il-Qorti ssib li l-attur qieghed jallega li l-kunsens tieghu kien vizzjat ghaliex skond hu kien moghti bi zball.

Din il-Qorti teskludi mill-ewwel li saret il-prova ta` xi eghmil doluz fis-sens ta` qerq jew ingann perpetrat mill-kumpannija konvenuta fil-konfront tal-attur.

Lanqas ma tirrizulta prova ta` vjolenza (fisika jew morali) qabel kien iffirmat il-kuntratt jew waqt li kien qieghed isir il-kuntratt. Biex vjolenza morali tikkostitwixxi vizzju tal-kunsens li jwassal ghan-nullita` tal-kuntratt, hemm bzonn li dik il-vjolenza tkun il-kawza determinanti tal-kuntratt, u li l-kunsens ikun il-frott tal-vjolenza ezercitata biex jigi ottenut il-kunsens. *“Biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi u tali taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza` li tesponi ingustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal dannu gravi … Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija ndagini li hija imhollija interament fil-prudenza tal-gudikant.”* (**<u>ara Kollez. Vol.XXIX.11.749</u>**). Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti tibqa` ssostni li ma kienx hemm prova li seta`

kien hemm vjolenza qabel jew waqt il-kuntratt. Anzi bil-maqlub. Dakinhar tal-kuntratt meta mar Ta` Xbiex, kien hemm Clint Spagnol. U tant l-attur ma kellu l-ebda biza` li lanqas biss insista li Spagnol ikun mieghu meta jsir il-kuntratt. L-attur fehem bl-ezatt meta din il-Qorti staqsietu jekk xi hadd kienx "*qabdu minn ghonqu*" sabiex jiffirma l-kuntratt u kien pront wiegeb li hadd ma ghamel pressjoni fuqu biex jiffirma. Hemm imbaghad ix-xhieda tan-Nutar Dr. Margaret Heywood li twarrab kull suspett li seta` kien hemm xi haga rregolari waqt il-pubblikazzjoni tal-kuntratt.

**Huwa evidenti minn kliem l-attur stess li huwa qieghed isostni <u>l-izball bhala raguni ghall-vizzju tal-kuntratt</u> ghaliex ighid li ghalih huwa mar *jiffirma karta* li kien debitur ta` l-kumpannija konvenuta fl-ammont ta` Lm 1000, li kienet is-somma li, skond hu, kienet dovuta ghat-tmien xhur li l-van Toyota Hilux baqa` fil-pussess tieghu, qabel hadu lura Bianco, mentri ighid li kien biss wara meta skopra li kien hemm ipoteka generali registrata kontra tieghu li sab li mhux *karta* kienet saret dakinhar izda kuntratt quddiem Nutar Pubbliku fejn l-ammont tad-dejn kien ta` aktar minn Lm 4000.**

**<u>L-Art. 975 tal-Kap.16</u>** jittratta <u>l-izball dwar il-ligi</u> –

*L-izball dwar il-ligi ma jgibx in-nullità tal-kuntratt hlief meta dan ikun il-kawza wahdenija jew ewlenija tieghu.*

**<u>L-Art. 976 tal-Kap.16</u>** jittratta mbaghad <u>l-izball dwar il-fatt</u> –

*(1) L-izball dwar il-fatt ma jgibx in-nullità tal-kuntratt hlief meta jaqa fuq is-sustanza nfisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim.*

*(2) Il-ftehim ma jkunx null jekk l-izball jaqa` biss fuq il-persuna li maghha jkun sar il-ftehim, hlief meta l-*

*ghazla ta` dik il-persuna tkun il-kawza ewlenija ta` dak il-ftehim.*

Mill-mod kif xehed, huwa evidenti li l-attur qieghed jilmenta minn **zball** **dwar il-fatt**.

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Gunju 1947 fil-kawza **"Psaila et vs Ciantar"** il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*Huwa necessarju illi l-izball ikun sostanzjali. Il-ligi taghna tghid illi l-izball ta` fatt ma jgibx in-nullita` tal-konvenzjoni jekk mhux meta jaqa` fis-sostanza tal-haga li tkun oggett. Mela f`dan il-kaz hemm bzonn illi kien hemm zball fis-sustanza, jew, kif tghid id-dottrina u l-gurisprudenza, anki fil-"kwalita` sostanzjali" ta` dik il-haga. Il-Laurent, li jikkommenta disposizzjoni simili ghal taghna (art.1110 tal-Kodici Franciz) jiccita fuq din il-materja lil Pothier li jghid x`ghandhna nifhmu bi zball fis-sustanza. "L`errore annulla la convenzione, egli dice, quando cade sulla qualita` della cosa che le parti hanno avuto principalmente di mira e che forma la sostanza di questa cosa (ara Pothier. Des Obligations, n.18). L`errore sulla sostanza e` dunque un errore sulla qualita` ; ma non ogni errore sulla qualita` e` sostaniale ;l bisogna che esso cada su di una qualita` principale, ed e` l`intenzione delle parti quella che decidera` se una qualita` e` o no principale ; bisogna vedere cio che hanno avuto di mira le parti contrattando. E` il caso di applicare* ***il principio di Domat – 'Se le parti non avrebbero contrattato se avessero saputo che la cosa non aveva quella qualita` che esse le supponevano, l`errore sara` sostanziale e viziera` il consenso. Se per contrario, le parti avessero contrattato pur sapendo che la cosa non aveva quella tale qualita`, l`errore non viziera` il consenso e non annullera` il contratto ... La questione e` dunque in sostanza una questione d`intenzione vale a dire che il Magistrato deve deciderela secondo le circostanze della causa' (Laurent, Diritto Civile, Vol.15, no.488). Din hija l-aktar teorija akkreditata u logika ghaliex min ghandu jiggudika biex jara jekk il-kwalita` hijiex jew le***

***sostanzjali ghandu necessarjament ihares u jindaga l-volonta` u l-intensjoni tal-partijiet, ghaliex certa kwalita` tista` tkun ta` importanza tant kbira ghalw iehed illi ried jaghmel l-operazzjoni minhabba fiha mentri ghal wiehed iehordik il-kwalita` tista` ma tkunx ta` l-ebda importanza, u kien imur ghall-kuntratt sew jekk dik il-kwalita` kienet hemm jew le. Ghalhekk il-kwistjoni hija kollha soggettiva.*** (enfasi ta` din il-Qorti).

(ara wkoll – **"Camilleri vs Bezzina"** – PA/JSP – 30 ta` April 1992).

**Ikkunsidrat :**

**IV. Risultanzi**

Meta gudikant jigi biex iqis il-kumpless tal-provi li jitressqu ghall-konsiderazzjoni tieghu sabiex fuq **dawk** il-provi jaghti decizjoni, il-kriterju rilevanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, *izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja* (**"Borg vs Bartolo"** – Appell Inferjuri – 25 ta` Gunju 1980). Hekk meqjusa dawk il-provi, il-grad rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel **certezza morali** fil-mohh tal-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta` provi fuq bilanc ta` probabilitajiet (**"Caruana vs Laurenti"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 8 ta` April 1994 ; **"Borg vs Manager ta` l-Intrapriza tal-Halib"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 17 ta` Lulju 1981; **"Vassallo vs Pace"** – Vol.LXX.II.144 u **"Zammit vs Petrococchino"** – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952). Meta mbaghad tkun qeghda tintalab ir-rexxissjoni ta` att pubbliku, kif qieghed isir fil-kaz tal-lum, *il-massima tad-dritt probatorju li min jallega jrid jipprova, tehtieg li tigi osservata fir-rigorosita` taghha.* (**"Tabone vs Tabone"** - Qorti ta` l-Appell - 9 ta` Jannar 2009).

L-ewwel darba li xehed, l-attur kien konfuz fil-mod kif ipprezenta l-istanza tieghu. Issa din il-Qorti trid tghid li bejn l-attur u l-kumpannija konvenuta kien hemm serje ta` kontrattazzjonijiet, mhux ghal kollox limpidi fl-ezekuzzjoni taghhom. Huwa evidenti li l-attur ipprova jaghti stampa, kemxejn imhawwda, tar-relazzjoni tieghu mal-kumpannija konvenuta. It-tieni darba li xehed l-attur hejja ruhu ahjar ghad-deposizzjoni li kellu jaghti u *e` corso ai ripari*, dawn strategija li din il-Qorti trid tqis meta tigi biex tiddeciedi. Dan qieghed jinghad ghax ftit hemm paragun bejn ix-xhieda konfuza tal-attur fl-ewwel okkazjoni u dik aktar preparata tat-tieni okkazjoni, ghalkemm din il-Qorti trid tghid li xorta baqghu l-inkonsistenzi tal-attur ghad li ghazel li jixhed it-tieni darba ghax hekk kien jaqbel ghalih.

Fit-tieni okkazjoni li xehed, b`kuntrast ben evidenti mal-ewwel okkazjoni li xehed, l-attur hareg b`serje ta` figuri kjarament intizi sabiex finalment ikollu fuqhiex isostni ghala qatt ma kellu ghalfejn jiffirma kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu b`ammont, fil-fehma tal-attur, tant gholi. L-attur ighid li minghand id-dealer Antoine Vassallo huwa xtara l-Hyundai Accent. Kienet tiswa` Lm5,200 u skond l-attur thallset kollha. Kontra dak mistqarr mill-attur, hemm id-DOK CB2 a fol 92. L-attur ighid li l-Hyundai Accent kienet involuta f`habta u l-hsara baqghet ma ssewwietx. Il-valur taghha kif kienet bil-hsara kien stmat fl-ammont ta` Lm 1200. Ighid li partat dik il-vettura ma` van li kien jiswa Lm 2800. Fl-ewwel okkazjoni li xehed, jissemma wkoll tpartit ta` Mini-Minor li l-attur kien akkwista biex jinqeda wara li kellu l-incident bil-Hyundai. Din il-Mini-Minor ma tissemmiex fit-tieni okkazjoni li xehed l-attur. F`dan l-istadju din il-Qorti tghid li l-versjoni tal-attur ticcajpar. Wara li jghid li hallas pagamenti ta` Lm 140, sar tpartit iehor ma` van Toyota Hilux li skond l-attur kien jiswa Lm 8,200. L-attur ighid li ghax dak il-van kien difettuz, huwa ma hallasx il-kambjali. Dam ghandu tmien xhur qabel hadulu Charles Bianco. Fil-kontijiet ta` bejn il-partijiet jidhol ukoll is-self ta` Lm1,000 favur l-attur sabiex dan xtara speedboat.

Din il-Qorti trid tghid li in sostenn ta` dak li kien qieghed jixhed l-attur mank ressaq dokument wiehed. Din il-Qorti mhijiex tirreferi ghall-kuntratti ta` bejgh u/jew tpartit tad-diversi vetturi ghaliex tiddubita kemm sar xi haga bil-kitba. Pero` certament kien hemm kambjali ghax jidher li kollox sar bil-kjambjali u allura l-attendibilita` ta` verzjoni in konfront mal-ohra setghet titkejjel u titqies fuq l-iskorta tal-kambjali fil-pussess tal-attur (u allura evidenza ta` hlasijiet li kienu saru) u dawk fil-pussess ta` haddiehor inkluz Bianco (u allura bil-hlas ghadu pendenti). L-attur ma ressaq l-ebda prova ta` din ix-xorta, l-ahjar prova fic-cirkostanzi, u qieghed jippretendi li din il-Qorti ghandha toqghod fuq ezercizzju ta` kontabilita` li b`ebda mod ma huwa sorrett minn provi oggettivi.

Dak li certament din il-Qorti ghandha quddiemha huwa att pubbliku DOK LC2 li qieghed jindika somma kalkolata (mhux dritta jew arrotondata) u li bhala dovuta mill-attur u qieghed jispecifika l-modalita` tal-hlas lura ta` dik is-somma. Biex jaqa` dak l-att ghar-ragunijiet li ressaq, l-attur kien fid-dmir li jressaq provi altru milli konvincenti u affidabbli sabiex ighid li l-kunsens tieghu kien vizzjat fis-sostanza tal-kuntratt.

Il-figuri kif mfissra mill-attur mhumiex korraborati mill-persuni li ressaq bhala xhieda. Inoltre dak mistqarr mill-attur huwa kontrastat minn Charles Bianco. Dan jaghti stampa ghal kollox differenti, certament anqas konfuza, minn dik tal-attur u aktar attinenti mas-somma mertu tal-kuntratt. Il-fatt imressaq mill-attur fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu li l-kumpannija baqghet ma ezegwietx il-kuntratt ghandu rilevanza marginali u certament mhux determinanti ghall-fini tal-kawzali li fuqha l-attur bbaza l-istanza tieghu. Fuq il-provi li din il-Qorti semghet u qieset, hija tghid li dawk ta` l-attur ma jistghux inisslu fil-Qorti c-certezza morali li fuq bilanc ta` probabilijiet jaghtuh ragun.

Irrizulta bhala fatt inkontestat li qabel sar il-kuntratt, Charles Bianco kien diga` ha l-van Toyota Hilux minghand l-attur propju ghaliex l-attur ma kienx qieghed ihallas il-kambjali. L-attur jallega li ma kienx qieghed ihallas ghaliex il-van kien difettuz. Ladarba l-van kien diga` jinsab ghand Bianco, din il-Qorti tghid li, jekk tassew kellu ragun l-attur fil-lanjanzi tieghu, ma kellu l-ebda raguni ghalfejn jersaq biex jaghmel il-kuntratt izda se mai kellu toroq legali ohra biex isarraf il-lanjanzi tieghu kemm dwar l-allegat van difettuz kif ukoll dwar il-kambjali pendenti. Jaghmel hafna sens li wara li ha lura l-vettura, Bianco jipprova jittutela l-pendenzi li kellu kontra l-attur b`att pubbliku li kien jaghtih aktar serhan tal-mohh. Min-naha tieghu l-attur, irrizulta li, bhallikieku dak li kien qieghed isir ma kienx daqstant ta` interess ghalih, l-attur qabel iffirma l-kuntratt *ex admissis* xorob mal-hbieb, certament mhux bl-influwenza ta` Bianco, u bla tlaqlieq ighid li ma kienx jaf x`kien qieghed jiffirma. Ghal din il-Qorti, l-imgieba generali tal-attur hija bla sens u ma taghti l-ebda affidament.

Din il-Qorti ma tistax twarrab ix-xhieda tan-Nutar Dr. Margaret Heywood. Din tghid kjarament li hija fethet ghajnejn zewg il-partijiet qabel kien iffirmat il-kuntratt u anke fissritilhom bil-Malti l-implikazzjonijiet legali ghalkemm il-kuntratt inkiteb bl-Ingliz. Ma rrizultax li l-attur b`xi mod insista li l-kuntratt isir bil-Malti jew li ma kienx qieghed jifhem dak li kien qieghed jigri kontrattat.

Fost hwejjeg ohra, ix-xhud qalet hekk -

*Ovvjament jiena meta jkolli n-nies quddiemi dejjem nispjega x`qed isir, jigifieri mhux ha naghtihom karta u nghidilhom jiffirmaw, jigifieri spjegajt kollox u Mr Catania kien jaf li qed issir kwistjoni ta` debitu, li ghandu jaghti l-flus u li ghandu jaghti l-flus lil-kumpanija, lil Western Company Limited* (fol 35)

*Jien l-ammont inkun naf, jigifieri dawn ikunu tkellmu bejniethom qaluli li hemm dal-ammont dovut u nkun*

*spjegajtilhom li jekk qed jghidu hekk ha niktbu li qed jghiduli li qaluli ovvjament ... jien zgur mhux ha nhalli lil xi hadd jiffirma kuntratt li ma jafx x`qed jiffirma.* (fol 57).

Ix-xhieda tan-Nutar Dr. Margaret Heywood hija affidabbli.

Lanqas ma tista` din il-Qorti twarrab l-affermazzjoni tal-attur, wara li kien domandat mill-Qorti, li bejn il-partijiet kien hemm ftehim. Fuq il-pedana, l-attur ftit li xejn qadef sabiex jirrendi kredibbli l-assjem tal-verzjoni tieghu. Dan anke f`dettalji li meta inseriti f`mosajk jimminaw il-kredibilita` tal-attur. Fl-udjenza tal-21 ta` Frar 2011, l-attur wasal biex afferma li l-avukat tal-kumpannija konvenuta, u cioe` Dr. Frank Cassar, kien prezenti ghall-kuntratt. Meta mbaghad kien rinfaccjat formalment b`cahda tal-istess avukat (ara l-verbal tal-udjenza a fol 95), l-attur rega` lura fuq il-passi tieghu. Mank fehem l-attur li quddiem il-Qorti ma setax igib ruhu b`mod dizinvolt bhal donnu fil-Qorti huwa permess kull ma jista` jigri barra l-Qorti. Din il-Qorti ma tistax tinsa kif l-avukat tal-attur widdeb lill-attur stess fl-udjenza tat-2 ta` Marzu 2010 (ara fol 52) – *... il-verita` kollha trid tghid ...*

Din il-Qorti ezaminat u qieset bir-reqqa l-provi kollha, u tghid li mhijiex sodisfatta li l-attur irnexxielu jressaq il-prova sal-grad rikjest mil-ligi li l-kunsens tieghu kien vizzjat. Ghalhekk l-attur ma jistax jippretendi li t-talbiet tieghu jigu milqugha.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez kontra l-attur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------